**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

# Workshop Numru 11

**Janet Farrugia**
**Il-Ġimgħa**
**Lingwa: Ingliż**

# *STRATEĠIJI UTILI LI JGĦINU LILL-ISTUDENTI FIL-PREPARAZZJONI GĦALL-KITBA BL-INGLIż: ngħallmu lill-istudenti jiskopru u jiktbu dak li jafu.*

## *Parteċipanti:*

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Għalfejn il-preparazzjoni għall-kitba?

F'din il-preżentazzjoni l-parteċipanti se jaraw kif l-għalliema ħaddmet il-metodu tal-Kitba bħala Proċess fil-lezzjonijiet ta' l-Ingliż, fejn l-enfażi kien fuq il-ħolqien ta' attivitajiet li stimulaw lill-istudenti biex jiktbu. Fil-fatt il-parteċipanti se jkollhom l-opportunita' li jaqraw mill-qrib xi xogħlijiet tat-tfal li nkitbu fil-klassi fil-preżenza u bl-għajnuna ta' sħabhom u ta' l-għalliema. Barra minnhekk, il-parteċipanti se jkollhom iċ-ċans li jesperjenzaw huma stess il-proċess sħiħ fil-kitba ta' kartolina postali bl-Ingliż.

## Nota Bijografika

Janet M. Farrugia B.Ed (Hons.) iggradwat bħala għalliema ta' l-Ingliż mill-Universita' ta' Malta. Hija bdiet il-karriera tagħha fil-Junior Lyceum tal-bniet ta' Santa Tereża fl-Imrieħel fejn kienet tgħallem il-lingwa u l-letteratura Ingliża lill-istudenti tat-tielet, ir-raba' u l-ħames sena sekondarja. Janet Farrugia ilha għal dawn l-aħħar seba' snin tgħallem l-Ingliż lill-istudenti ta' l-ewwel u t-tieni sena sekondarja ġewwa l- Junior Lyceum ta' Maria Reġina, fil- Blata l-Bajda. Hija għallmet ukoll it-tagħlim ta' l-Ingliż lill-istudenti barranin ta' etajiet u livelli diversi. Janet Farruġia attendiet il-ħames 'Invitational Writing Institute' f'April tal-2005 u mill-ewwel bdiet tapplika l-proċess tal-kitba fil-klassijiet tagħha b'suċċess kbir. Hija tat is-sehem tagħha ukoll fit-tielet 'convention' għall-għalliema tal-kitba mtella' mill-MWP f'Ġunju ta' l-istess sena.